By means of a judgment given by the Metropolitan Tribunal of Malta (Primae Instantiae) on 26th June of the year 2009 (Prot. number 05.013) the marriage celebrated on 1st May of the year 1993 between the parties above mentioned was declared null.

Through a decree issued by the Metropolitan Tribunal of Malta (Secundae Instantiae) on 9th July, 2010 (Prot. number 09/91) the aforementioned decision was confirmed while on 23rd July, 2021, a Decree of Executability was issued according to Canon Law, in terms of Canons 1684(1) of the Code of Canon Law.

Therefore, the exponent humbly requests that this Honourable Court authorizes the registration of the same decisions for the purposes and effects of sections 23 and 24 of Cap. 255 of the Laws of Malta and this under all those provisions that it may deem appropriate and opportune.

Notification: Alexander Grech: 'St Matthew', Flat1, Triq Giovanni Curmi, Iklin, Malta

Registry of the Superior Courts (Appeals) this day 14th October, 2022

DR F. BONDIN LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1833

Permezz ta' digriet mogħti fl-1 ta' April, 2022, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4668/2021, fl-ismijiet Raymond Zammit vs Fiona Baldacchino, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Fiona Baldacchino a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 28 ta' Ottubru, 2021

Lil Fiona Baldacchino (KI 594777M) ta' 67, Saint Helen, Saint Catherine Street, Marsaxlokk

Permezz tal-preżenti Raymond Zammit (KI 250659M) ta' Aries House, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ jagħmel

By means of a decree of the 1st April, 2022, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 4668/2021, in the names Raymond Zammit vs Fiona Baldacchino, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Fiona Baldacchino in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 28th October, 2021

To Fiona Baldacchino (ID 594777M) of 67, Saint Helen, Saint Catherine Street, Marsaxlokk

By the present, Raymond Zammit (ID 250659M) of Aries House, Mdina Road, Ħaż-Żebbuġ, makes referene

referenza għall-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tas-27 ta' Mejju, 2021, fl-atti tan-Nutar Dott. Daniel John Bugeja fejn inti Fiona Baldacchino obbligajt ruħek bħala debitriċi ta' Raymond Zammit għal ammont ta' €44,626.67 liema dejn huwa veru, ċert u likwidu. Stante illi inti nqast milli tħallas il-pagamenti ta' kull xahar kif kien miftiehm f-istess kuntratt pubbliku, u stante li l-inadempjenza tiegħek toltrepassa tliet pagamenti wara xulxin, skont l-istess kuntratt, dan id-dejn issa sar dovut fl-intier kollhu a favur il-mittenti Raymond Zammit.

to the constitution of debt contract of the 27th May 2021 in the records of Notary Doctor Daniel John Bugeja where you Fiona Baldacchino constituted yourself as debtor of Raymond Zammit in the amount of €44,626.67 which debt is certain, liquid and true. Since you failed to pay the monthy payment as duly agreed in the same public deed and because of your default of three consecutive payments, according to the same contract, this debt is due in its entirety in favour of the interpellant Raymond Zammit.

Illi l-bilanċ preżentament pendenti minnek huwa ta' €43,362.95;

That the present balance due by you is that of €43,362.95;

Illi ai termini tal-Artikolu 253(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-bilanċ pendenti ta' €43,362.95 jikkwalifika bħala titolu eżekuttiv stante li dan id-dejn jirriżulta minn kuntratt riċevut min-Nutar Pubbliku ta' Malta u liema dejn huwa ċert, likwidu u li għalaq u ma jikkonsistix f'esekuzzjoni ta' fatt;

That in terms of Article 253(b) of Cap. 12 of the Laws of Malta, the pending balance of €43,362.95 qualifies as executive title because the debt results from the same contract received from Notary Public of Malta and which debt is certain, liquid and due and does not consist in the execution of a fact;

Illi fin-nuqqas li inti tħallas dan id-dejn li huwa ċert, likwidu u dovut fi żmien jumejn min-notifika lilek ta' din l-ittra uffiċjali ai termini tal-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, se ssir l-esekuzzjoni ta' dan it-titolu eżekuttiv.

That in default of payment this debt will be certain, liquid and due within two days from the notification of this judicial letter in terms of Article 256(2) of Cap. 12 of the Laws of Malta, and the execution will be of executive title.

Illi ai termini tal-Artikolu 260 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 353, l-esekuzzjoni ta' wieħed mit-titoli eżekuttivi msemmijin fl-artikolu 253, tista' ssir fuq ħwejjeg tad-debitur sew mobbli kif ukoll immobbli, skont ma jitlob il-kreditur.

That in terms of Article 260 of Cap. 12 of the Laws of Malta, without prejudice to the dispositions of article 353, the execution of one executive title mentioned in article 253 can be made on belongings of the debtor both movable and immovable according what the creditor claims.

Għaldaqstant, inti qiegħda tigi interpellata sabiex ai termini tal-Artikoli 253(b); 256(2) u 260 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tħallas lill-mittenti l-ammont ta' €43,362.95 li jikkonsisti fil-bilanċ rimanenti skont il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu pubblikat fl-atti tan-Nutar Dott. Daniel John Bugeja fis-27 ta' Mejju, 2021, oltre l-imgħax legali mit-30 ta' Awwissu, 2021, oltre l-ispejjeż kollha tal-preżenti proċeduri u oħrajn aċċessorji u fin-nuqqas il-mittenti qed jirrendu dan il-kuntratt tas-27 ta' Mejju, 2021, fl-atti tan-Nutar Dott. Daniel John Bugeja eżekuttiv ai termini tal-liġi u l-mittenti mhux se jkollu triq oħra ħlief li jipproċedi kontra tiegħek skont il-liġi kif fuq ingħad.

Thus you are being solicited so that in terms of Article 253(b), 256(2) and 260 of Cap. 12 of the Laws of Malta, you pay the interpellant the amount of €43,362.95 that consists of the remaining balance according to the constitution of debt contract in the records of Notary Doctor Daniel John Bugeja of the 27th May, 2021, besides the legal interest from the 30th August, 2021, besides all the costs of this present procedure and others and in default the interpellant will render the said contract of the 27th May, 2021, in the Records of Notary Dr John Bugeja executive in terms of Law and the interpellant will not have any alternative but to proceed against you according to law as indicated.

Tant sabiex tagħraf timxi u tirregola ruħek u bl-ispejjeż

So much so that you know how to proceed and regulate yourself and with costs

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 14 ta' Ottubru, 2022

Registry of the Superior Courts today 14th October, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1834

Permezz ta' digriet mogħti fil-31 ta' Awwissu, 2022, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2039/2022, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxi vs Netsurf Media Malta Limited, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-kumpanija intimata Netsurf Media Malta Limited a tenur tal-Artikolu 187 (3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 17 ta' Mejju, 2022

Lil Netsurf Media Malta Limited (C49492)

Permezz tal-preżenti, il-Kummissarju tat-Taxxi ta' Blokk 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana, jinterpellakom ai termini tal-Artiklu 59 tal-Att XXIII ta' 1998, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallas l-ammont ta' €622,919.54, rappreżentanti ammont dovut minnek bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud skont l-istess Att.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont dak l-Att sad-data tal-effettiv pagament

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u partikolarment, iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi esegwibbli t-titolu eżekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxi għandu kontra tiegħek permezz tal-Avviż li ntbagħat lilek.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżak li se jgħaddi sabiex jesegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tiegħek permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tirregola ruħek u tagħraf timxi

Notifika: Netsurf Media Malta Limited, 168, Triq San Kristofru, Il-Belt Valletta VLT 1467

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 14 ta' Ottubru, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 31st August, 2022, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 2039/2022, in the names, Commissioner for Revenue vs Netsurf Media Malta Limited, the following publication for the purpose of service on the respondent company Netsurf Media Malta Limited was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 17th May, 2022

To Netsurf Media Malta Limited (C49492)

By the present, the Commissioner for Revenue of Centre Point Building, Block 6, Triq Vincenzo Dimech, Floriana, calls upon you in terms of Article 59 of Act XXIII of 1998 so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of €622,919.54 representing the amount due by you as Value Added Tax according to the same Act.

With costs and interest according to lthat Act till the date of effective payment

This calling is being made for all intents and purposes of law, particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Revenue has against you by means of a notice sent to you.

In default, the interpellant informs you that he shall pass to execute the said executive title he has against you by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourself and to proceed

Notification, Netsurf Media Malta Limited, 168, Triq San Kristofru, Valletta VLT 1467

Registry of the Superior Courts today 14th October, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1835

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fl-10 ta' Mejju, 2022, fuq talba ta' Pierre Bianchi ġie ordnat biex jintgħażlu

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 10th May, 2022, following a request by Pierre Bianchi it was

kuraturi deputati biex jirrappreżentaw is-sidien tad-direttdominju mhux magħrufa fl-atti taċ-ċedola numru 839/2022 fl-ismijiet Pierre Bianchi vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti:

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens ta' Pierre Bianchi, separat, iben Carmelo u Gaetana née Attard, imwieled Tal-Pietà nhar il-25 ta' Lulju, 1976, u jgħix Bormla (KI 381276M) vs Kuraturi Deputati in rappreżentanza tas-sidien tad-direttt dominju mhux magħrufa, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fis-6 ta' Mejju, 2021, fejn Pierre Bianchi espona bir-rispett:

Illi d-depożitant Pierre Bianchi akkwista appartament internament immarkat numru 4, li jinsab fl-ewwel sular fuq in-naħa tax-xellug meta tħares mill-faċċata, li jifforma parti mill-blokka ta'appartamenti li ġġib in-numru 131, aċċessibbli minn Triq l-Oratorju, Bormla, suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' Lm3.20 permezz ta' kuntratt ta' bejgħ fl-atti tan-Nutar Dott. Tonio Spiteri datat 18 a' Frar, 1997, (kuntratt ta' bejgħ anness u mmarkat Dok. A);

Illi dan il-fond huwa r-residenza ordinarja tal-esponent;

Illi l-fond hawn imsemmi qed jiġi wkoll indikat fil-pjanta annessa u mmarkata Dok. B;

Illi s-somma ta' Lm3.20 li hija ekwivalenti għal €7.45 rappreżentanti ċ-ċens annwali dovut kapitalizzat bil-ħamsa fil-mija tammonta għal €149.00;

Illi l-esponent għandu jħallas ukoll iċ-ċens għall-aħħar ħames snin, liema ċens jammonta għal €37.25.

Għaldaqstant, in forza tal-artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponent qed jadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha qed jiddepożita s-somma ta' €186.25 rappreżentanti pagament ta' ċens għall-aħħar ħames snin fl-ammont ta' €37.25 flimkien ma' €149 għal-fidi ta' dan iċ-ċens, sabiex tiġi liberament żbankata kif indikat hawn fuq mill-intimati kontra r-rilaxx tas-solita riċevuta skont il-liġi.

Esponent: Flat 4, 131, Triq l-Oratorju, Bormla.

Notifika: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Triq id-Dejqa, Il-Belt Valletta
Kuraturi Deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

ordered that deputy curators be chosen to represent the unknown direct owners in the acts of the schedule of deposit number 839/2022 in the names Pierre Bianchi vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and concurrent redemption of ground rent number 839/2022 in the names of Pierre Bianchi, seperated, son of Carmelo and Gaetana née Attard, born in Tal-Pietà on the 25th July, 1976, and residing in Bormla (ID 381276M) vs Deputy Curators to represent unknown direct owners filed in the First Hall of the Civil Court on the 6th May, 2021, the applicant Pierre Bianchi respectfully submitted:

That the depositor Pierre Bianchi acquired the apartment internally marked number 4, that is found on the first floor on the left hand side when you look from the facade, that forms part of the block of apartments numbered 131, accessible from Triq l-Oratorju, Bormla, subject to the annual and perpetual groundrent of Lm3.20 by means a contract of sale in the acts of Notary Doctor Tonio Spiteri dated 18th February, 1997 (contract of sale attached and marked Doc. A);

That the premises are the ordinary residence of the applicant;

That the premises above mentioned are being marked on the plan attached and marked as Doc. B;

That the amount of Lm3.20 that is equivalent to €7.45 representing the annual groundrent due capitalised by five percent amounts €149.00;

That the applicant has to pay the groundrent for the last five years which amounts to €37.25.

Thus, in view of article 1501 of the Civil Code, Cap. 16 of the Laws of Malta, the applicant is humbly calling upon this Honourable Court and under its Authority is depositing the amount of €186.25 representing the payment of the groundrent for the last five years in the amount of €37.25 together with €149 for the redemption of groundrent, to be freely withdrawn as above mentioned by the respondents after leaving the relative receipt according to law.

applicant: Flat 4, 131, Triq l-Oratorju, Bormla.

Notification: Director Public Registry, Triq id-Dejqa, Valletta
Deputy Curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Grazio Mercieca, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 10 ta' Mejju, 2022

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 14 ta' Ottubru, 2022

ALEXANDRADEBATTISTA
Għar-Registratur, Qrati u Tribunali

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Grazio Mercieca, LLD, Doctor of Laws.

Today 10th May, 2022

Registry of the Superior Courts, today 14th October, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1836

Ikun jaf kulħadd illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) (Rikors numru 111/2022BS) minn Martine Adenot et, intalbet l-apertura tas-suċċessjoni ta' Sandrine Adenot, ġuvni, ġja bin il-mejjet Paul Marie Adenot u Martine Adenot née Vaschalde, imwielda Lyon, Franza, u kienet tgħix in-Nadur, Għawdex, u mietet fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Frar, elfejn u tnejn u għoxrin (2022) fin-Nadur, Għawdex, detentriċi tal-karta tal-identità Franċiża 111269110012, intestata. Illi d-decujus ma kinitx miżżewwġa u ma kelliex tfal. L-eqreb qraba tagħha huma r-rikorrenti ommha Martine Adenot u oħtha Claire Adenot. Missier Sandrine wkoll huwa mejjet u ma kellha l-ebda aħwa oħra. Illi huwa meħtieġ li s-suċċessjoni tal-imsemmija Sandrine Adenot għandha ssir favur l-eredi tagħha skont il-liġi u dan inkwantu għas-sehem ta' nofs indiviż (1/2) favur ommha Martine Adenot (passaport Franċiż numru 14AY66116) u għal sehem ieħor ta' nofs indiviż (1/2) favur oħtha Claire Adenot (passaport Franċiż numru 14AL53970), ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa b'dan imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 14 ta' Ottubru, 2022

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

IT IS hereby notified that by an application filed in the Court of Magistrates (Gozo) Voluntary Jurisdiction on the third (3rd) of October of the year two thousand and twenty two (2022) (Application number 111/2022BS), Martine Adenot et requested the opening of the SUCCESSION of Sandrine Adenot, spinster, was the daughter of the late Paul Marie Adenot and Martine Adenot née Vaschalde, born in Lyon, France, lived in Nadur, Gozo, and died in twenty-two (22) of February of the year two thousand and twenty two (2022) in Nadur, Gozo, holder of French Identity card number 111269110012, intestate. That the decujus was unmarried and did not have any children. Her closest relatives are the applicants her mother Martine Adenot and her sister Claire Adenot. Sandrine's father is also deceased and she did not have any other siblings. That it is necessary that the succession of the said Sandrine Adenot should be done in favor of his heirs according to the law and this for the share of one undivied half (1/2) in favor of her mother Martine Adenot (French Passport number 14AY66116) and for other share of one undivied half (1/2) in favor of her sister Claire Adenot (French Passport number 14AL53970), the issuance of this ban was ordered to inform anyone involved.

Wherefore, any person who considers having an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction

This 14th of October, 2022

DANIEL SACCO
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1837

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fil-11 ta' Awwissu, 2022, Rikors numru 1591/2022, minn Carmen Farrugia Camilleri pro et noe fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa favur Carmen Farrugia née Camilleri, mart id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż favur Dylan u Hayden aħwa Farrugia wlied id-decujus fi kwoti ndaqs bejniethom is-suċċessjoni ta' Malcolm Farrugia, żewġ Carmen Farrugia née Camilleri, bin Carmelo Farrugia u Mary Farrugia née Delmar, imwieled Tal-Pietà, Malta, kien residenti ż-Żurrieq, Malta, u miet iż-Żurrieq, Malta, fis-17 ta'Ottubru, 2021, ta' 40 sena, u li kellu karta tal-identità bin-numru 56981M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 14 ta' Ottubru, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 11th August, 2022, Application number 1591/2022, by Carmen Farrugia Camilleri pro et noe whereby she requested that it be declared open in favour of Carmen Farrugia née Camilleri, wife of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share and the remaining one half (1/2) undivided share in favour of Dylan and Hayden brothers Farrugia children of the decujus in equal shares between the succession of Malcolm Farrugia, husband of Carmen Farrugia née Camilleri, son of Carmelo Farrugia and Mary Farrugia née Delmar, born in Tal-Pietà, Malta, resided in Żurrieq, Malta, and died in Żurrieq, Malta, on the 17th October, 2021, aged 40, and who held identity card number 56981M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 14th October, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1838

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-30 ta' Awwissu, 2022, Rikors numru 1737/2022, minn Margherita Ellul et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Margherita Ellul, mart id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż favur Manuel Ellul u Kenneth Ellul ulied id-decujus fi kwota ta' kwart (1/4) indiviż kull wieħed minnhom is-suċċessjoni ta' Francis Ellul, żewġ Margherita Ellul, bin il-mejtin Emanuel Ellul u Mary née Magrin, imwieled Bormla, Malta, kien residenti Ħ'Attard, Malta, u miet l-Imsida, Malta, fis-6 ta' Ġunju, 2022, ta' 71 sena, u li kellu karta tal-identità bin-numru 685450M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 30th August, 2022, Application number 1737/2022, by Margherita Ellul et whereby they requested that it be declared open in favour of Margherita Ellul, wife of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share and the remaining one half (1/2) undivided share in favour of Manuel Ellul and Kenneth Ellul children of the decujus in the quota of one fourth (1/4) undivided share each one of them the succession of Francis Ellul, husband of Margherita Ellul, son of the late Emanuel Ellul and Mary née Magrin, born in Bormla, Malta, resided in Ħ'Attard, Malta, and died in Msida, Malta, on the 6th June, 2022, aged 71, and who held identity card number 685450M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Illum 14 ta' Ottubru, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Today 14th October, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1839

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fl-14 ta' Frar, 2022, Rikors numru 259/2022, minn Alison Axisa pro et noe fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa favur Alison Axisa, mart id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż favur Kyle Axisa iben id-decujus is-suċċessjoni ta' Dave Axisa, żewġ Alison Axisa, bin Bartolomeo Axisa u Mary Anne née Gafa, imwieled Tal-Pietà, Malta, kien residenti Marsaskala, Malta, u miet l-Imsida, Malta, fis-17 ta' Frar, 2020, ta' 35 sena, u li kellu karta tal-identità bin-numru 266984M.

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 14th February, 2022, Application number 259/2022, by Alison Axisa pro et noe whereby she requested that it be declared open in favour of Alison Axisa, wife of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share and the remaining one half (1/2) undivided share in favour of Kyle Axisa son of the decujus the succession of Dave Axisa, husband of Alison Axisa, son of Bartolomeo Axisa and Mary Anne née Gafa, born in Tal-Pietà, Malta, resided in Marsaskala, Malta, and died in Msida, Malta on the 17th February, 2020, aged 35, and who held identity card number 266984M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Illum 14 ta' Ottubru, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Today 14th October, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1840

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fil-15 ta' Settembru, 2022, Rikors numru 1860/2022, minn Rosaria Sciberras et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Rosaria Sciberras, mart id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż favur Ramon Sciberras iben id-decujus is-suċċessjoni ta' Alfred Sciberras, żewġ Rosaria Sciberras, bin il-mejtin Giovanni Maria Sciberras u Giacchina Sciberras née Muscat, imwieled il-Mosta, Malta, kien residenti l-Mosta, Malta, u miet l-Imsida, Malta, fit-18 ta'Ottubru, 2021, ta' 60 sena, u li kellu karta tal-identità bin-numru 472161M.

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 15th September, 2022, Application number 1860/2022, by Rosaria Sciberras et whereby they requested that it be declared open in favour of Rosaria Sciberras, wife of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share and the remaining one half (1/2) undivided share in favour of Ramon Sciberras son of the decujus the succession of Alfred Sciberras, husband of Rosaria Sciberras, son of the late Giovanni Maria Sciberras and Giacchina Sciberras née Muscat, born in Mosta, Malta, resided in Mosta, Malta, and died in Msida, Malta, on the 18th October, 2021, aged 60, and who held identity card number 472161M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 14 ta' Ottubru, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 14th October, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1841

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-30 ta' Awwissu, 2022, Rikors numru 1738/2022, minn Geoffrey Chetcuti et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Geoffrey Chetcuti u Lucille Spooner ulied id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż kull wieħed u waħda minnhom is-suċċessjoni ta' Joseph Chetcuti, legalment separat minn Rose Camilleri, bin il-mejtin Joseph Chetcuti u Rosaria Chetcuti née Vella, imwieled Raħal Gdid, Malta, kien residenti Ħal Luqa, Malta, u miet l-Imsida, Malta, fit-2 ta' Settembru, 2021, ta' 74 sena, u li kellu karta tal-identità bin-numru 113647M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 14 ta' Ottubru, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 30th August, 2022, Application number 1738/2022, by Geoffrey Chetcuti et whereby they requested that it be declared open in favour of Geoffrey Chetcuti and Lucille Spooner children of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share each one of them the succession of Joseph Chetcuti, legally separated from Rose Camilleri, son of the late Joseph Chetcuti and Rosaria Chetcuti née Vella, born in Raħal Gdid, Malta, resided in Ħal Luqa, Malta, and died in Msida, Malta, on the 2nd September, 2021, aged 74, and who held identity card number 113647M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 14th October, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1842

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-2 ta' Settembru, 2022, Rikors numru 1768/2022, minn Rita Tonna fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa favur tagħha s-suċċessjoni ta' Joseph Tonna, ġuvni, bin Assuero Tonna u Mary Tonna née Chetcuti, imwieled Ħaż-Żebbuġ, Malta, kien residenti Santa Luċija, Malta, u miet l-Imsida, Malta, fid-9 ta' Jannar, 2021, ta' 63 sena, u li kellu karta tal-identità bin-numru 415457M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 2nd September, 2022, Application number 1768/2022, by Rita Tonna whereby she requested that it be declared open in her favour the succession of Joseph Tonna, bachelor, son of Assuero Tonna and Mary Tonna née Chetcuti, born in Ħaż-Żebbuġ, Malta, resided in Santa Lucija, Malta, and died in Msida, Malta, on the 9th January, 2021, aged 63, and who held identity card number 415457M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Illum 14 ta' Ottubru, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Today 14th October, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1843

B'digriet tas-17 ta' Mejju, 2022 mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), dina il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12).

Illi b'rikors ippreżentat minn Complex Co. Ltd (C61722) (ġja Condominium Services Limited) fid-19 ta' Novembru, 2021, qed jintalab l-iżbank tal-ammont kollu ddepożitat b'ċedola ta' depożitu numru 3150/2021 fl-ismijiet:

Complex Co. Ltd (C 61722) (ġja Condominium Services Limited) vs Clive May (KI 11150A)

Il-Qorti ordnat in-notifika lill-intimat b'ħamest (5) ijiem għar-risposta.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 14 ta' Ottubru, 2022

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the 17th May, 2022, given by the Courts of Magistrates (Malta), ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by the application filed by Complex Co. Ltd (C61722) (gja Condominium Services Limited) on the 19th November, 2021, is asking for the withdrawal of all the amount deposited by the Schedule of Deposit number 3150/2021 in the names of:

Complex Co. Ltd (C 61722) (ġja Condominium Services Limited) Vs Clive May (ID 11150A)

The Court ordered the notification to the respondent with five (5) days for filing a reply.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today the 14th October, 2022

GAETANA AQUILINA
For Registrar of Courts and Civil Tribunals

1844

ARB/C006/2022 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-13 ta' Ottubru, 2022, mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Dr Consuelo Scerri Herrera, LLD). Kumpilazzjoni Numru 523/2021, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

OMAR AZZOPARDI, jaħdem għal rasu, ta' 39 sena, iben il-mejjet Alfred u Georgina xebba Spiteri, imwieled Tal-Pietà, Malta, fid-29 ta' Marzu, 1983, u residenti ġewwa Block A, Flat 3, Triq is-Sliem, Il-Marsa, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 200983M.

MARLISE CARUANA, waitress, ta' 36 sena, bint Mario Azzopardi u Theresa Azzopardi xebba Camilleri, imwielda Tal-Pietà, Malta, fit-23 ta' Awwissu, 1986, u residenti ġewwa 117, Triq San Filippu, Ħal Għaxaq u detentriċi ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 404286M.

ARB/C006/2022 – VARIATION OF SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 13th October, 2022, given by the Criminal Court (Hon. Madame Justice Dr Consuelo Scerri Herrera, LLD). Compilation Number 523/2021, in the case:

The Republic of Malta

Versus

OMAR AZZOPARDI, self-employed, 39 years, son of the late Alfred and Georgina née Spiteri, born in Tal-Pietà, Malta, on the 29th March, 1983, and residing at Block A, Flat 3, Triq is-Sliem, Marsa, and holder of Maltese identity card bearing number 200983M.

MARLISE CARUANA, waitress, 36 years, daughter of Mario Azzopardi and Theresa Azzopardi née Camilleri, born in Tal-Pietà, Malta, on the 23rd August, 1986, and residing at 117, Triq San Filippu, Ħal Għaxaq and holder of Maltese identity card bearing number 404286M.

ANĠIE AZZOPARDI, waitress, ta' 34 sena, bint il-mejjet Alfred u Georgina xebba Spiteri, imwielda Tal-Pietà, Malta, fis-27 ta' Settembru, 1988, u residenti ġewwa Block A, Flat 3, Triq is-Sliem, Il-Marsa, u detentriċi ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 450488M.

U

ZANAH LIMITED;

Il-Qorti TAWTORIZZA lill-imsemmija imputati sabiex jirtiraw l-ammont ta' tlettax-il elf, disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena hekk kif stipulat fil-liġi skont l-istruzzjonijiet imniżżla:

a) L-imputat OMAR AZZOPARDI għandu jieħu l-ammont dovut mill-kont tal-bank intestat f'ismu miżmum mal-Bank of Valletta plc;

b) L-imputata MARLISE CARUANA għandha tieħu l-ammont dovut mill-kont tal-bank intestat f'isimha miżmum mal-BNF Bank plc;

c) L-imputata ANĠIE AZZOPARDI għandha tieħu l-ammont dovut mill-kont tal-bank intestat f'isimha miżmum mal-Bank of Valletta plc.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 5 (3) tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta wara digriet tal-iffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Donatella Frendo Dimech, LLD) fil-25 ta' Jannar, 2022, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fl-1 ta' Frar, 2022, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' OMAR AZZOPARDI, MARLISE CARUANA, ANĠIE AZZOPARDI, u Zanah Limited.

Illum, 17 ta' Ottubru, 2022

DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

ANĠIE AZZOPARDI, waitress, 34 years, daughter of the late Alfred and Georgina née Spiteri, born in Tal-Pietà, Malta on the 27th September, 1988, and residing at Block A, Flat 3, Triq is-Sliem, Marsa, and holder of Maltese identity card bearing number 450488M.

AND

ZANAH LIMITED;

The Court AUTHORISES the mentioned accused individuals to withdraw the amount of thirteen thousand, nine hundred and seventy-six Euro and twenty-four cents (€13,976.24) per year as stipulated by law as instructed below:

a) The accused OMAR AZZOPARDI shall withdraw the amount due from the bank account held in his name at the Bank of Valletta plc;

b) The accused MARLISE CARUANA shall withdraw the amount due from the bank account held in her name at BNF Bank plc;

c) The accused ANĠIE AZZOPARDI shall withdraw the amount due from the bank account held in her name at the Bank of Valletta plc.

This variation is being published in terms of Article 5 (3) of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta following a freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Donatella Frendo Dimech, LLD) on the 25th January, 2022, which was published in the Government Gazette on the 1st February, 2022, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to OMAR AZZOPARDI, MARLISE CARUANA, ANĠIE AZZOPARDI, and Zanah Limited.

Today, 17th October, 2022

DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

1845

Permezz ta' digriet mogħti fis-27 ta' Ġunju, 2022, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Felice Schembri vs Carmelo Mamo, Rikors numru 272/2022LC, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Carmelo Mamo a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Felice Schembri (KI 321251M), Andreana Schembri (KI 264752M), Guzeppa

By means of a decree of the 27th June, 2022, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Felice Schembri et vs Carmelo Mamo, Application number 272/2022LC, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Carmelo Mamo in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Felice Schembri (ID 321251M), Andreana Schembri (ID 264752M), Guzeppa

sive Josephine Fenech (KI 266145M), Francis Farrugia (KI 266245M), Rita Zammit (KI 60242M) u John Farrugia (KI 476451M) vs Carmelo Mamo (KI 87045M), ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fil-25 ta' Marzu, 2022, ir-rikorrenti Felice Schembri et talbu lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jiddikjara li l-intimat Carmelo Mamo (KI 87045M) huwa l-inkwilin tal-fond numru 100, Triq San Bartilmew, Iż-Żurrieq, għal liema kirja japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini, Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jordna illi jitwettaq it-test tal-mezzi skont il-liġi;

3. F'każ li l-inkwilin ma jissodisfax il-kriterji tad-dħul tat-test tal-mezzi, tordna li l-fond jiġi vakat fi żmien sentejn u jiddetermina l-kumpens dovut tul dan il-perjodu ai termini tal-artikolu 4A(4) tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. F'każ li l-inkwilin jissodisfa t-test tal-mezzi jirrevedi l-kirja għal ammont li ma jeċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond u dan ai termini tal-Artikolu 4(b) u 4A tal-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini, Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat minn issa inġunt in subizzjoni.

Notifika intimat: 100, Triq San Bartilmew, Iż-Żurrieq

Ir-rikors fl-ismijiet Felice Schembri vs Carmelo Mamo, Rikors numru 272/2022LC, jinsab differit għall-4 ta' Novembru, 2022, fil-11.50 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 14 ta' Ottubru, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

sive Josephine Fenech (ID 266145M), Francis Farrugia (ID 266245M), Rita Zammit (ID 60242M) and John Farrugia (ID 476451M) vs Carmelo Mamo (ID 87045M) filed in the Rent Regulation Board, on the 25th March, 2022, the applicants Felice Schembri et requested this Honourable Board why it should not:

1. Declare that the respondent Carmelo Mamo (ID 87045M) is the lessee of the premises 100, Triq San Bartilmew, Żurrieq for which lease the provisions of the Reletting of Urban Property (Regulation) Ordinance Cap. 69 of the Laws of Malta are applied;

2. Order the means test be carried out according to law;

3. In case the lessee does not satisfy the criteria of the income of the means test, order that the premises be vacated within two years and determine the compensation due during this period in terms of Article 4A(4) of the Reletting of Urban Property (Regulation) Ordinance Cap. 69 of the Laws of Malta;

4. In case the lessee satisfies the criteria of the means test, revise the lease to the amount that does not exceed 2% per year of the free and unencumbered market value of the premises and this in terms of Article 4(b) and 4A of the Reletting of Urban Property (Regulation) Ordinance Cap. 69 of the Laws of Malta.

With costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his oath be made.

Notification respondent: 100, Triq San Bartilmew, Żurrieq

The application in the names Felice Schembri et vs Carmelo Mamo, Application number 272/2022LC, has been postponed for hearing to the 4th November, 2022, at 11.50 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 14th October, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1846

Permezz ta' digriet mogħti fit-2 ta' Mejju, 2022, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1853/2020, fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs Gamage Chamal Meepe, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

By means of a decree of the 2nd May, 2022, in the records of the judicial letter number 1853/2020, in the names HSBC Bank Malta plc vs Gamage Chamal Meepe, the Courts of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Courts of Magistrates (Malta)

Illum 9 ta' Settembru, 2020

Lil: Gamage Chamal Meepe (KI 175491A) ta' Valley View, Flat 3, Triq il-Lunzjata, Il-Mosta

Permezz tal-preżenti s-soċjetà HSBC Bank Malta plc (C3177) ta' 32, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta

Iġġib a formali konjizzjoni tagħkom il-fatt li fil-ġurnata tat-28 ta' Awwissu, 2020, inti kont tinsab moruż fil-pagamenti ta' self lilek mogħti fl-ammont ta' €985.38, liema somma hija dovuta fuq il-kont bin-numru 054-201793-340, liema somma ġiet debitament mogħtija lilek fuq faċilità ta' loan mill-bank mittent u aċċettat minnek oltre l-imgħax mid-29 ta' Awwissu, 2020, sad-data ta' din l-ittra, flimkien mal-imgħaxijiet legali ulterjuri fuq is-somma kapitali mid-data ta' din l-ittra sad-data tal-pagament effettiv, liema somma inti għalkemm repetutament interpellat biex tħallas inqast milli tagħmel dan;

Iġġib a formali konjizzjoni tagħkom il-fatt li fil-ġurnata tat-28 ta' Awwissu, 2020, inti kont tinsab moruz fil-pagamenti ta' self fl-ammont ta' €138.20, liema somma hija dovuta fuq il-kont bin-numru 054-201793-341, liema somma ġiet debitament mogħtija lilek fuq faċilità ta' loan mill-bank mittent u aċċettat minnek oltre l-imgħax mid-29 ta' Awwissu, 2020, sad-data ta' din l-ittra, flimkien mal-imgħaxijiet legali ulterjuri fuq is-somma kapitali mid-data ta' din l-ittra sad-data tal-pagament effettiv, liema somma inti għalkemm repetutament interpellat biex tħallas inqast milli tagħmel dan;

Tinfurmak li jekk tonqos milli tħallas l-arretrati kollha fi żmien ħmistax-il jum mid-data tan-notifika ta' din l-ittra l-bilanċ intier tas-self isir kollu dovut f'daqqa oltre mgħaxijiet legali bir-rata ta' 8% fis-sena sad-data tal-effettiv pagament;

Tinterpellak sabiex fi żmien jumejn minn meta tirċievi din l-ittra inti tħallas is-somma ta' €732.70 bħala kapital u inkwantu għas-somma ta' €5.10 bħala mgħaxijiet li ddekkorrew fuq il-kapital mit-28 ta' Awwissu, 2020, bl-ispejjeż amministrattivi, oltre l-imgħax mid-29 ta' Awwissu, 2020, sad-data ta' din l-ittra flimkien mal-imgħaxijiet legali ulterjuri fuq is-somma kapitali mid-data ta' din l-ittra sad-data tal-pagament effettiv u dan in rifużjoni ta' flus lilek avvanzati fuq faċilità ta' Visa Credit Card bin-numru 4035710036244247, liema somma inti għalkemm ripetutament interpellat biex tħallas inqast milli tagħmel dan; u

Tinterpellak sabiex fi żmien jumejn minn meta tirċievi din l-ittra inti tħallas is-somma ta' €1,028.40 rappreżentanti inkwantu għas-somma ta' €1,001.92 bħala kapital u inkwantu għas-somma ta' €26.48 bħala imgħaxijiet li ddekkorrew fuq il-kapital mit-28 ta' Awwissu, 2020, fuq il-kont bin-numru 026-

Today 9th September, 2020

To: Gamage Chamal Meepe (ID 175491A) of Valley Veiw, Flat 3, Triq il-Lunzjata, Mosta

By means of this present, HSBC Bank Malta plc (C3177) of 32, Triq il-Merkanti, Valletta

Draws your formal attention to the fact that on the 28th August, 2020, you were in delay of payment of the loan given to you in the amount of €985.38, which amount is due on account number 054-201793-340, which amount was duly given to you on the by means of a loan facility with the interpellant bank and accepted by you besides the interest from the 29th August, 2020, till the date of this letter, together with further legal interest on the capital amount from the date of this letter till the date of effective payment, which amount you were repeatedly solicited to pay but remained in default;

Draws to your formal attention the fact that on the 28th August 2020, you were in delay of payment of the loan in the amount of €138.20 which amount is due on the account number 054-201793-341,which amount was duly given to you on the loan facility by the interpellant bank and accepted by you besides the interest from the 29th August, 2020, till the date of this letter, together with further legal interest on the capital amount from the date of this letter til the date of effective payment, which amount you were repeatedly solicited to pay but remained in default;

Informs you that if you fail to pay all the arrears due within fifteen days from the date of notification of this letter, the entire balance of the loan becomes due all at once besides the legal interest at the rate of 8% per annum until the date of effective paymen;

Solicits you so that within two days from when you receive this letter you pay the amount of €732.70 as capital and as for the amount of €5.10, as interest that accrued on the capital from the 28th August, 2020, with administrative costs, besides the interest from the 29th August, 2020, till the date this letter together with further legal interest on the capital amount from the date of this letter till the date of effective payment and this by way of refund of money advanced to you on the Visa Credit Card facility with number 4035710036244247, which amount you were repeatedly solicited to pay but remained in default; and

Solicits you so that within two days from when you receive this letter you pay the amount of €1,028.40 representing as for €1,001.92 as capital and as for the amount of €26.48 as interest that accrued on the capital from the 28th August, 2020, on account number 026-300368-001, which amount

300368-001, liema somma hija encroachment fuq il-kont tat-tip Current Account li ġiet debitament mogħtija lilek mill-Bank mittent u aċċettat minnek, oltre l-imgħax mid-29 ta' Awwissu, 2020, sad-data ta' din l-ittra, flimkien mal-imgħaxijiet legali ulterjuri fuq is-somma kapitali mid-data ta' din l-ittra sad-data tal-pagament effettiv, liema somma inti għalkemm reputatament interpellat biex tħallas inqast milli tagħmel dan.

Sabiex jiġu evitati spejjeż inutili tal-Qorti, jekk il-ħlas tad-dejn fiż-żmien hawn fuq indikat ma huwiex possibbli u teħtieġ żmien itwal għall-ħlas b'rati mensili, inti tista' tammetti d-dejn tiegħek mal-Bank permezz ta' att notarili. F'dak il-każ inti mitlub illi fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta tirċievi din l-ittra tavża lill-Bank u tqabbad nutar.

Din l-ittra sservi wkoll biex tinterrompli l-preskrizzjoni u għalhekk hija rikjesta mil-ligi ai termini tal-Artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

